**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 67/19VG**

**Karl Schranz**

**Vs**

**Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob**

**Illum 14 ta' Frar 2023**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Karl Schranz fit-23 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob meħuda nhar it-2 ta' Lulju 2019 fejn ikkonfermat il-kontenut ta' l-ittra tal-5 ta' Ġunju 2018, u jagħti dawk ir-rimedji li jidhrulu xierqa w opportuni fiċ-ċirkostanzi, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 5 sa' 24 tal-proċess;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, hawn iktar 'l quddiem indikata bħala l-Awtorità Intimata, permezz ta' liema topponi għat-talba tar-Rikorrent u titlob li tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu, stante li in linea preliminari: (i) il-proċeduri odjerni huma improponibbli stante li l-Awtorità Intimata ma tat l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-Rikorrent fit-2 ta' Lulju 2019, hekk kif jaf ir-Rikorrent li kemm fir-Rikors promotur kif ukoll fil-korrispondenza skambjata ma' l-Awtorità Intimata, dejjem irrefera għad-deċiżjoni ta' l-istess Awtorità bħala dik mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2018; (ii) dan it-Tribunal ma għandux kompetenza jiddeċiedi t-talba tar-Rikorrent stante li l-kompetenza Tiegħu fir-rigward ta' deċiżjonijiet bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri bdiet b'effett mill-1 ta' Awwisu 2018 u dan ai termini ta' l-Artikolu 1 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tar-Rikorrent ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018, u cioè qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, u kemm-il darba r-Rikorrent ried entità ġuridika tistħarreġ il-validità o meno tad-deċiżjoni in kwistjoni, huwa kellu jipproċedi skond id-dettami ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta b'kawża ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'terminu ta' sitt xhur mid-data meta sar jaf bl-egħmil

amministrattiv, skond il-provvedimenti legali applikabbli fid-data tad-deċiżjoni, ossia fil-5 ta' Ġunju 2018; (iii) kemm-il darba t-Tribunal kellu jiddetermina li għandu l-kompetenza jisma' t-talba tar-Rikorrent, l-istess talba hija perenta u preskritta ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ai termini ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi, appell mid-deċiżjoni kellu jiġi istitwit fi żmien għoxrin ġurnata minn meta r-Rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 5 ta' Ġunju 2018; u fil-mertu (iv) id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata hija ġusta u ttieħdet ai termini tal-Liġi u għaldaqstant l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra li waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2020[1], il-partijiet kontendenti qablu li l-provi miġbura fil-proċeduri fl-ismijiet E&S Consultancy Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 70/19 jgħoddu wkoll għal dawn il-proċeduri u għas-segwenti Rikorsi: E&S Group Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 65/19, SOLV International Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 66/19, Christian Ellul v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 69/19, E&S Back Office Services Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 68/19, u RES Malta Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 71/19;

Sema' x-xhieda ta' Dr. Dominic Micallef mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2020[2], ra l-affidavits ta' Mariella Baldacchino, Dr. Christian Ellul u Karl Schranz markati rispettivament Dok. "MB1", Dok. "CE1" u Dok. "KS1" esebiti mis-soċjetà E&S Consultancy Limited permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' Diċembru 2020 a fol. 58 sa' 67 ta' l-atti proċesswali tar-Rikors fl-ismijiet E&S Consultancy Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 70/19, ra l-affidavit ta' Dr. Carl Brincat u d-dokumenti annessi miegħu esebiti mill-Awtorità Intimata permezz ta' Nota ppreżentata fis-16 ta' Frar 2021 a fol. 69 sa' 94 ta' l-atti proċesswali tar-Rikors fl-ismijiet E&S Consultancy Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 70/19, sema' ix-xhieda ta' Karl Schranz[3] u ta' Dr. Christian Ellul[4] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 u sema' ix-xhieda ta' Dr. Mariella Baldacchino mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021[5], ra d-dokument esebit mill-Awtorità Intimata permezz ta' Nota ppreżentata fis-17 ta' Novembru 2021 a fol. 79 sa' 109 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' Dr. Carl Brincat mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' April 2022[6];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 116 sa' 126 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva ta' l-Awtorità Intimata a fol. 129 sa' 144 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;
**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fejn sabet u ddikjarat li hu u Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group

[1] Fol. 43 ta' l-atti proċesswali tar-Rikors fl-ismijiet E&S Consultancy Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, Rik. Nru. 70/19.
[2] Fol. 45 sa' 49 tal-proċess.
[3] Fol. 58 sa' 62 tal-proċess.
[4] Fol. 63 sa' 70 tal-proċess.
[5] Fol. 73 sa' 78 tal-proċess.
[6] Fol. 113 sa' 115 tal-proċess.

Limited[7] ma jissodisfawx *the requirements of fitness and propriety which the Authority assesses in terms of its obligations at law.*

Ir-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob meħuda nhar it-2 ta' Lulju 2019 fejn ikkonfermat il-kontenut ta' l-ittra tal-5 ta' Ġunju 2018 u jagħti dawk ir-rimedji li jidhrulu xierqa w opportuni fiċ-ċirkostanzi. Huwa jibbaża t-talba tiegħu fuq is-segwenti aggravji: (i) minkejja kull sforz da parte tiegħu biex l-Awtorità Intimata tirrivedi l-posizzjoni tagħha minflok, ikkonfermat l-istess posizzjoni bil-Kontro-Protest ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2019; (ii) id-deċiżjoni in kwistjoni ma hijiex konformi mal-Liġi. Ai termini ta' l-Artikolu 7(1) ta' l-Avviż Legali 244 ta' l-2018, meta l-Awtorità Intimata għandha raġunijiet biżżejjed biex tissuspetta li entità awtorizzata kisret ir-regolamenti jew ma għadhiex applikabbli għall-awtorizzazzjoni, għandha twettaq investigazzjoni formali ma' l-istess entità. Ai termini ta' l-Artikolu 7(5) ta' l-imsemmi Avviż Legali, meta l-investigazzjoni tiġi konkluża, l-Awtorità Intimata għandha tħejji rapport li jistipula ir-raġunijiet għaliex saret l-investigazzjoni, ir-regolamenti miksura u l-miżuri li l-Awtorità tkun ser tieħu. L-Artikolu 7(6) ta' l-Avviż Legali in kwistjoni, jistipula d-dritt ta' l-entità awtorizzata sabiex tikkontesta r-rapport fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika tiegħu. L-Awtorità Intimata ma segwietx din il-proċeduri stante li qatt ma saret investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent; u (iii) kien hemm applikazzjoni skorretta tal-linji gwida ta' *fit and proper* stante li l-Awtorità Intimata aġixxiet a bażi ta' tweets u artikoli li dehru fil-media lokali li l-Awtorità ħadithom bħala li jfissru li r-Rikorrent ma għadux aktar jissodisfa l-linji gwida ta' *fit and proper*.

L-Awtorità Intimata topponi għat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tiġi miċħuda stante li: (i) il-proċeduri odjerni huma improponibbli stante li l-Awtorità Intimata ma tat l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-Rikorrent fit-2 ta' Lulju 2019, hekk kif jaf ir-Rikorrent li kemm fir-Rikors promotur kif ukoll fil-korrispondenza skambjata ma' l-Awtorità Intimata, dejjem irrefera għad-deċiżjoni ta' l-istess Awtorità bħala dik mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2018; (ii) dan it-Tribunal ma għandux kompetenza jiddeċiedi t-talba tar-Rikorrent stante li l-kompetenza Tiegħu fir-rigward ta' deċiżjonijiet bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri bdiet b'effett mill-1 ta' Awwisu 2018 u dan ai termini ta' l-Artikolu 1 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tar-Rikorrent ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018, u cioè qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, u kemm-il darba r-Rikorrent ried entità ġuridika tistħarreġ il-validità o meno tad-deċiżjoni in kwistjoni, huwa kellu jipproċedi skond id-dettami ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta b'kawża ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'terminu ta' sitt xhur mid-data meta sar jafbl-egħmil amministrattiv, skond il-provvedimenti legali applikabbli fid-data tad-deċiżjoni ossia fil-5 ta' Ġunju 2018; (iii) kemm-il darba t-Tribunal kellu jiddetermina li għandu l-kompetenza jisma' t-talba tar-Rikorrent, l-istess talba hija perenta u preskritta ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ai termini ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi, appell mid-deċiżjoni kellu jiġi istitwit fi żmien għoxrin ġurnata minn meta r-Rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 5 ta' Ġunju 2018; u fil-mertu (iv) id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata hija ġusta u ttieħdet ai termini tal-Liġi u għaldaqstant l-allegazzjonijiet u

[7] Dawn kollha a loro volta jikkontestaw l-istess deċiżjoni permezz ta' proċeduri istitwiti quddiem dan it-Tribunal u determinati b'sentenzi mogħtija flimkien ma' din id-deċiżjoni.

konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjonijiet li għandhom jiġu trattati u kkunsidrati huma dawk sollevati mill-Awtorità Intimata bl-eċċezzjonijiet preliminari tagħha, ossia: (i) li d-deċiżjoni minnha mogħtija fil-konfront tar-Rikorrent ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018 u mhux permezz tal-Kontro-Protest ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2019; (ii) it-Tribunal mhux kompetenti biex jittratta u jiddetermina kontestazzjonijiet minn deċiżjonijiet mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) *dato ma non concesso* li r-Rikorrent seta' jintavola appell mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità quddiem it-Tribunal, l-appell ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2019 huwa fi kwalunkwe każ tardiv stante li ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, tali appell għandu jiġi istitwit entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.

**Data meta l-Awtorità Intimata ppronunċjat id-deċiżjoni in kwistjoni:**

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti t-Tribunal huwa fermament konvint li id-deċiżjoni li biha l-Awtorità Intimata sabet u ddikjarat li r-Rikorrent u li Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited[8] ma jissodisfawx *the requirements of fitness and propriety which the Authority assesses in terms of its obligations at law,* ingħatat permezz ta' l-Avviż datat **5 ta' Ġunju 2018** u mhux permezz tal-Kontro-Protest ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2019.

Il-kronoloġija tal-fatti kif seħħew hija s-segwenti:

- Permezz ta' e-mail datata 18 ta' Mejju 2018, Kenneth Bonello, Authorisations Officer fi ħdan l-Awtorità Intimata, informa lil ċertu Nicholas Gatt illi *further to yesterday's Fit and Proper committee meeting, kindly note that Mr. Christian Ellul, Mr. Karl Schranz and E&S Consultancy Limited are considered not fit and proper for the Authority*[9];
- Dakinhar stess tat-18 ta' Mejju 2018, Dr. Mariella Baldacchino għan-nom tal-persuni effettwati bil-kontenut ta' l-e-mail talbet għal laqgħa ma' rappreżentanti ta' l-Awtorità Intimata, senjatament ma' Dr. Dominic Micallef, sabiex il-kwistjoni setgħet tiġi diskussa[10];
- In segwitu għal-laqgħa ma' l-Awtorità Intimata, permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2018[11] ir-Rikorrent, Christian Ellul u s-soċjetà E&S Consultancy Limited ressqu s-sottomissjonijiet u raġunijiet tagħhom għalfejn l-Awtorità kellha terġa' lura mill-konsiderazzjoni tagħha dwar il-Fit and Proper Assessment fil-konfront tagħhom;
- B'ittra datata 30 ta' Mejju 2018[12] indirizzata lil Dr. Mariella Baldacchino, l-Awtorità Intimata għarrfitha li *the Authority, having re-examined the issues in question and reviewed the explanation provided, has decided that it still deems the above individuals and company as not fit and proper*;

[8] Dawn kollha a loro volta jikkontestaw l-istess deċiżjoni permezz ta' proċeduri istitwiti quddiem dan it-Tribunal u determinati b'sentenzi mogħtija flimkien ma' din id-deċiżjoni.
[9] Dok. "A" a fol. 5 tal-proċess.
[10] Vide email datata 18 ta' Mejju 2018 a tergo ta' fol. 8 tal-proċess.
[11] Dok. "C" a fol. 10 sa' 14 tal-proċess.
[12] Dok. "D" a fol. 15 tal-proċess.

- B'Avviż datat 5 ta' Ġunju 2018[13], l-Awtorità Intimata għarrfet lil Dr. Mariella Baldacchino għall-applikanti li *with reference to the letter sent by the Malta Gaming Authority (hereinafter the 'Authority') on the 30th May 2018, please note that the Authority is hereby giving notice, that applications which the below individuals and companies are involved in will be deemed not to fulfil the requirements of fitness and propriety which the Authority assesses in terms of its obligations at law: Dr. Christian Ellul (I.D. 301479(M)), Mr. Karl Schranz (I.D. 373380M), E&S Consultancy Limited (C50332), RES Malta Limited (C46697), SOLV International Limited (C52096), E&S Back Office Services Limited (C71927); E&S Group Limited (C58558);*
- B'ittra datata 6 ta' Settembru 2018[14], mibgħuta mill-konsulent legali tal-persuni milquta bid-deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2018, l-Awtorità Intimata mill-ġdid ġiet mitluba tbiddel id-deċiżjoni li ħadet fil-konfront tagħhom;
- L-Awtorità Intimata baqgħet iżżomm ferm mad-deċiżjoni tagħha u fit-30 ta' Mejju 2019[15] ir-Rikorrent flimkien ma' Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited Group Limited ppreżentaw Protest Ġudizzjarju kontra l-Awtorità Intimata fejn, filwaqt li żammewha in dolo, culpa et mora għad-danni minnhom sofferti u li għad jistgħu jsofru, interpellawha sabiex fi żmien ħmistax mid-data tan-notifika tal-Protest Ġudizzjarju tirrivedi u tirrevoka *d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tal-protestati nhar il-5 ta' Ġunju 2018 u, fl-eventwalità li l-istess protestati ma jirċievu l-ebda kommunikazzjoni f'dan is-sens, allura dana ser jiġi interpretat bħala konferma min-naħa tal-protestat ta' l-imsemmija deċiżjoni u li għalhekk mhu ser iħalli lill-protestanti bl-ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu kontra l-protestat skond il-liġi sabiex b'hekk jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom*;
- L-Awtorità Intimata ppreżentat Kontro-Protest fit-2 ta' Lulju 2019[16], permezz ta' liema rrespinġiet l-allegazzjonijiet imressqa fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li: *fl-ewwel lok l-Awtorità esponenti imxiet skond il-proċeduri stabbiliti sabiex jiġi deċiżi jekk persuna għandha titqies bħala fit and proper a tenur ta' l-istrumenti regolaturi dwar il-logħob u l-linji gwida rilevanti, u għalhekk qed tiċħad l-allegazzjonijiet tal-protestanti illi hija ma applikatx il-kriterji ta' fit and properness b'mod raġonevoli. ... fit-tieni lok l-Awtorità esponenti għandha rwol partikolari ħafna fl-għoti ta' dawn id-deċiżjonijiet. Bħala r-regolatur ta' dan is-settur hija għandha d-dmir u r-responsabilità sabiex tħares ir-reputazzjoni tajba tal-pajjiż u dan speċjalment fid-dawl tal-fatt li fid-dinja ta' llum tali reputazzjoni tista' tintilef faċilment*;
- In segwitu għal dan il-Kontro-Protest, ir-Rikorrent istitwixxa l-proċeduri odjerni.

Għalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li d-deċiżjoni finali ta' l-Awtorità Intimata ittieħdet permezz tal-Kontro-Protest ippreżentat mill-imsemmija Awtorità fit-2 ta' Lulju 2019 u konsegwentement għalhekk l-istess deċiżjoni hija appellabbli ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta u l-appell sar entro t-terminu prefiss fil-Liġi, it-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' din il-pretensjoni stante li fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni ta' l-Awtorità hija l-Avviż datat 5 ta' Ġunju 2018.

[13] Dok. "E" a fol. 16 tal-proċess.
[14] Dok. "F" a fol. 17 sa' 20 tal-proċess.
[15] Dok. "G" a fol. 21 sa' 23 tal-proċess.
[16] Dok. "H" a fol. 24 tal-proċess.

Meta wieħed jara l-kontenut kemm ta' l-Avviż datat 5 ta' Ġunju 2018 kif ukoll tal-Kontro-Protest datat 2 ta' Lulju 2019, huwa evidenti li l-unika deċiżjoni espressa mill-Awtorità Intimata hija dik tal-5 ta' Ġunju 2018. Bil-Kontro-Protest l-Awtorità Intimata sempliċement irrespinġiet l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet avvanzati fil-konfront tagħha bil-Protest Ġudizzjarju tat-30 ta' Mejju 2019 u iddifidat lill-Protestanti milli jipproċedu b'xi azzjoni ulterjuri fil-konfront tagħha. Apparte minnhekk, kif ġustament osservat mill-Awtorità Intimata, Protest u/jew Kontro-Protest qatt ma jistgħu jitqiesu li huma deċiżjoni ta' awtorità pubblika, ossia att amministrattiv, li per di più huwa soġġett għall-iskrutinju ta' dan it-Tribunal, stante li ai termini ta' l-Artikolu 889(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta *l-iskop tal-protest huwa dak li bih wieħed jagħmel sejħa jew dikjarazzjoni solenni biex iqiegħed lil ħaddieħor f'mala fidi jew biex iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu nnifsu.*

Apparte dan kollu osservat u minkejja dak dikjarat minn Christian Ellul, mir-Rikorrent u Dr. Mariella Baldacchino fix-xhieda tagħhom, l-istess Rikorrent u Ellul, kif ukoll Dr. Mariella Baldacchino, huma u minn dejjem kienu ben konsapevoli li l-Avviż tal-5 ta' Ġunju 2018 jikkostitwixxi deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata meħuda fil-konfront tagħhom. Dan joħroġ ferm ċar mill-korrispondenza ma' l-Awtorità Intimata u mill-Protest Ġudizzjarju ppreżentat fit-30 ta' Mejju 2019.

Fl-ittra tas-6 ta' Settembru 2018[17] lill-Awtorità Intimata kjarament jingħad *I write on behalf of Dr. Christian Ellul, Mr. Karl Schranz, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited and E&S Group Limited and refer to your communication dated 5th June 2018 wherein the Authority gave my clients* ***notice that application in which any one of them is involved will be deemed not to fulfil the requirements of fitness and propriety****.* ***The said <u>decision</u> was taken after the Authority expressed concern on certain articles and blogs that emanate from Google searches.*** *Whilst my clients reaffirm their reservations on the* ***decision taken by the authority[18]****, they have in the meantime made representations with the local news portals who followed up on the tweet. After explaining to the various journalists involved that the source of their articles, in so far as they are concerned is untrue, most journalists have agreed to remove the references to my clients while others made clarifications. Thus, my clients contend primarily that the main reason on which* ***the Authority based the decision it took on the 5th June 2018 exists no longer and consequently you are hereby being requested to revoke the said decision of the 5th June 2018****. ….* ***What would be even more unfortunate however, and worrying, is the fact that the MGA would stand by the position taken on the 5th June 2018 notwithstanding these developments and this is the reason why, on their behalf, we are formally requesting you to revoke the decision of the 5th June 2018[19]****.*

Fil-Protest Ġudizzjarju ppreżentat fit-30 ta' Mejju 2019[20], il-Protestanti ppremettew u ssottomettew illi *nhar il-5 ta' Ġunju 2018, il-protestanti rċevew korrispondenza*

[17] Dok. "F" a fol. 17 sa' 20 tal-proċess.
[18] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[19] Enfasi tat-Tribunal.
[20] Dok. "G" a fol. 21 sa' 23 tal-proċess.

*mill-protestant fejn ġew infurmati li l-istess protestanti ma kienux ser jibqgħu jiġu ikkunsidrati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' 'fitness and propriety'. Illi* ***tali deċiżjoni ttieħdet mill-protestat konsegwenza ta' tweet, liema tweet ġiet segwita b'artikolu u kummenti fil-media u dan skond ma ġie spjegat lill-protestanti mill-istess protestat***[21]***.*** *… Di più l-protestanti għamlu diversi rappreżentazzjonijiet mal-protestat fejn spjegaw dettaljtament l-infondatezza ta' dak allegat u li konsegwentement,* ***id-deċiżjoni meħuda mill-protestat fil-5 ta' Ġunju 2018, kienet imsejsa fuq premessa żbaljata***[22]*. Illi nhar it-8 ta' Marzu 2019, il-protestanti ġabu a konjizzjoni tal-protestat il-fatt li huma kienu saħansitra istitwew proċeduri ta' libel skond kif dispost fil-Kap.579 tal-Liġijiet ta' Malta kontra dawk il-persuni li baqgħu jirrepetu l-allegazzjonijiet bla bażi u totalment infondati fil-konfront tagħhom. Illi mid-dokumentazzjoni provduta lill-protestat, fil-kors ta' diversi skambji ta' korrispondenza u laqgħat għandu jirriżulta ampjament ċar li dak allegat f'dawn it-tweets/artikli huwa kompletament żbaljat, inveritier u bla bażi.* ***Illi minkejja dan kollu l-protestat għażel li ma jirrevokax id-deċiżjoni meħuda nhar il-5 ta' Ġunju 2018***[23]***.*** *Illi jiġi premess illi huwa inaċċettabbli li entità regolatriċi bħal ma hija l-protestat taġixxi bil-mod kif aġixxiet abbażi ta' dak li jidhirlu li għandu jikteb ħaddieħor. Li huwa daqstant ieħor inaċċettabbli huwa li* ***l-protestat tieħu deċiżjoni bħal dik meħuda fil-5 ta' Ġunju 2018 u donnha trid tistenna l-eżitu tal-proċeduri ta' libell biex tara tirrevokax id-deċiżjoni tagħha u dan meta ġiet fornuta bid-dokumentazzjoni ampja u spjegazzjonijiet eżawrenti li juru b'mod ċar li deċiżjoni meħuda mill-protestat hija kollha kemm hi mibnija fuq premessa żbaljata. Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad illi id-deċiżjoni tal-protestat ta' nhar il-5 ta' Ġunju 2018 tikkawża ħsara irreparabbli lill-protestanti. … Illi għalhekk il-protestat qiegħed jiġi interpellat sabiex jirrvedi d-deċiżjoni meħuda minnu fil-konfront tal-protestanti nhar il-5 ta' Ġunju 2018 u konsegwentement jirrevoka l-istess***[24]*.*

Anke t-talba kif avvanzata fil-Protest Ġudizzjarju hija b'referenza għad-deċiżjoni li ittieħdet fil-5 ta' Ġunju 2018 u in effetti jingħad u jintalab *sabiex fi żmien ħmistax mid-data tan-notifika lilu ta' dan il-Protest Ġudizzjarju* ***jirrevedi u jirrevoka d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tal-protestati nhar il-5 ta' Ġunju 2018*** *u, fl-eventwalità li l-istess protestati ma jirċievu l-ebda kommunikazzjoni f'dan is-sens, allura dana* ***ser jiġi interpretat bħala konferma min-naħa tal-protestat ta' l-imsemmija deċiżjoni***[25] *u li għalhekk mhu ser iħalli lill-protestanti bl-ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu kontra l-protestat skond il-liġi sabiex b'hekk jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.*

Irrispettivament minn dak li r-Rikorrent u Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited ippruvaw jottjenu permezz tal-Protest Ġudizzjarju ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2019, ossia l-possibilità li iktar minn sena wara li ittieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità Intimata fil-konfront tagħhom huma jsibu mod kif jappellaw minnha,

[21] Enfasi tat-Tribunal.
[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Enfasi tat-Tribunal.
[24] Enfasi tat-Tribunal.
[25] Enfasi tat-Tribunal.

huwa evidenti li d-deċiżjoni li l-Awtorità Intimata effettivament ħadet fil-konfront tagħhom ħaditha fil-5 ta' Ġunju 2018 u mhux f'xi data sussegwenti u wisq inqas fit-2 ta' Lulju 2019.

Stabbilit li d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tar-Rikorrent u ta' Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited ittieħdet fil-5 ta' Ġunju 2018, it-Tribunal ser jgħaddi issa biex jittratta l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sollevata mill-Awtorità Intimata.

**Kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva:**

L-imsemmija Awtorità tikkontendi li dan it-Tribunal ma għandux il-kompetenza jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent għaliex l-kompetenza Tiegħu fir-rigward ta' deċiżjonijiet bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri bdiet b'effett mill-1 ta' Awwisu 2018 u dan ai termini ta' l-Artikolu 1 tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta. Ladarba d-deċiżjoni fil-konfront tar-Rikorrent ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018, u cioè qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, l-uniku rimedju disponibbli lill-imsemmi Rikorrent fir-rigward tal-validità o meno tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu, kien li jipproċedi skond id-dettami ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta b'kawża ppreżentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'terminu ta' sitt xhur mid-data meta sar jaf bl-egħmil amministrattiv.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-Awtorità Intimata stante li qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Rikorrent seta', kieku ried, jistitwixxi proċeduri quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm l-Artikolu 43(1) ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Att daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2018, jipprovdi li: *kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni ta' l-Awtorità tista', fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat lilha l-avviż ta' l-Awtorità, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva* ..., in forza ta' l-Artikoli 5(1) u 7 ta' l-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, li kienu in vigore fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, inkluż għalhekk fl-2018, dan it-Tribunal kellu u għad għandu l-kompetenza li jirrevdi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt, kompetenza din li hija għal kollox differenti u distinta mill-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta *att amministrattiv* jinkludi *l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika*. Dejjem ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, *amministrazzjoni pubblika* tfisser *il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.*

L-Artikolu 5(1) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi - u kien hekk jipprovdi fiż-żmien meta ngħatat id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri - li: *qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti w imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

L-Artikolu 7(1) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi - u kien hekk jipprovdi fiż-żmien meta ngħatat id-deċiżjoni mmertu ta' dawn il-proċeduri - li: *it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 5 ta' Ġunju 2018 hija att amministrattiv ta' awtorità pubblika soġġett għall-iskrutinju ta' dan it-Tribunal fuq punti ta' liġi u ta' fatt.

Detto ciò però, hemm ostakolu notevoli li serjament jimpinġi fuq is-suċċess tal-proċeduri odjerni istitwiti mir-Rikorrent, u cioè li dawn il-proċeduri, għal raġunijiet li jaf ir-Rikorrent biss, ma ġewx istitwiti entro t-terminu statutorju ta' sitt xhur prefiss fl-Artikolu 7(2) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ferm wara li skada tali terminu. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoini tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att* ***għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni***[26].

Ladarba d-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tar-Rikorrent u ta' Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018 u sas-6 ta' Settembru 2018 l-imsemmija persuni u kumpanniji kienu a konoxxenza ta' l-istess, il-proċeduri odjerni istitwiti fit-23 ta' Lulju 2019 huma bla dubju ta' xejn *fuori termine* u għaldaqstant it-Tribunal huwa prekluż milli jittratta u jiddetermina l-istess fil-mertu.

Trattata din il-kwistjoni jifdal li tiġi trattata l-aħħar eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità Intimata u cioè li kemm-il darba t-Tribunal kellu jiddetermina li għandu l-kompetenza jisma' t-talba tar-Rikorrent, l-istess talba hija perenta u preskritta ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ai termini ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi, appell mid-deċiżjoni kellu jiġi istitwit

[26] Enfasi tat-Tribunal.

fi żmien għoxrin ġurnata minn meta r-Rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 5 ta' Ġunju 2018.

**L-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Fid-dawl ta' dak appena osservat dwar il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal iqis li lanqas tant għandu għalfejn jidħol f'din l-eċċezzjoni.

Fi kwalunkwe każ però jiġi osservat li appell ai termini ta' l-Artikolu 43(1) tal-Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta jrid jiġi istitwit fi żmien għoxrin ġurnata minn meta d-deċiżjoni in kwistjoni tiġi notifikata, terminu li fil-każ in eżami kjarament iddekorra u skada.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat huwa evidenti li dan it-Tribunal huwa prekluż milli jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità Intimata datata 5 ta' Ġunju 2018, fil-mertu u dana billi għalkemm kompetenti li jirrivedi tali deċiżjoni ai termini ta' l-Artikolu 5(1) u 7(1) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri in kwistjoni ġew istitwiti ferm oltre t-terminu ta' sitt xhur previst fil-Artikolu 7(2) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta. Raġġunta din il-konklużjoni jqis li għandu jastjeni milli jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent fil-mertu.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Awtorità Intimata u jiddikjara li d-deċiżjoni da parte ta' l-imsemmija Awtorità fil-konfront tar-Rikorrent u ta' Christian Ellul, E&S Consultancy Limited, RES Malta Limited, SOLV International Limited, E&S Back Office Services Limited u E&S Group Limited, ingħatat fil-5 ta' Ġunju 2018;
2. Jiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' l-Awtorità Intimata in kwantu t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien, qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar il-Logħob, Kap.583 tal-Liġijiet ta' Malta, già kompetenti li jirrivedi deċiżjonijiet ta' l-imsemmija Awtorità ai temrini ta' l-Artikoli 5(1) u 7(1) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Jiddikjara però li ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċeduri odjerni ġew ippreżentati *fuori termine* in kwantu istitwiti oltre t-terminu stautorju ta' sitt xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni in kwistjoni; u
4. Konsegwentement jastejni milli jieħu konjizzjoni tat-talba tar-Rikorrent fil-mertu.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu a karigu esklussiv tar-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**